

**Suġġett**

Talba għal deċizzjoni preliminari — Tribunal d'instance de Paris (Franza) — Interpretazzjoni ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, p. 1) fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali — Subintestaturi 8525 40 91 (Kameraravvidjo jirreġistraw oħrajn: Jistgħu jirreġistraw biss ħoss u immaġni meħudin b'telekamera) u 8525 40 99 (Oħrajn) — Klassifikazzjoni ta' kamkorders li, fil-mument ta' l-importazzjoni tagħhom, ma setgħux jirreġistraw sinjali vidjo fonetiċi esterni (DV OUT) imma li l-interface vidjo tagħhom seta' jiġi sussegwentement attivat permezz ta' l-użu ta' softwer jew enabler (DV IN & OUT) anki jekk il-manifattur u l-bejjieġh ma jindikawx u ma jinkoraġġixxux din il-possibiltà — Possibiltà li tinbidel il-prassi Komunitarja ta' klassifikazzjoni tat-tariffi permezz ta' emendi suċċessivi u retroattivi fin-noti ta' spjegazzjoni tan-nomenklatura magħquda, minflok bl-adozzjoni ta' regolament ta' klassifikazzjoni tat-tariffi applikabbli biss għall-futur.

**Dispożittiv**

- 1) Kamkorder jista' jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8525 40 99 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2261/98 tas-26 ta' Ottubru 1998, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/1999 tat-12 ta' Ottubru 1999, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2388/2000 tat-13 ta' Ottubru 2000, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2031/2001 tas-6 ta' Awwissu 2001, biss jekk il-funzjoni tar-reġistrazzjoni ta' l-immaġni u tal-ħsejjes provenjenti minn sorsi oħra minbarra l-kamera jew il-mikrofonu integrati, tkun attiva fil-mument ta' l-iżdoganar, jew jekk, anki meta l-manifattur ma kellux l-intenzjoni li jippromwovi din il-karatteristika, din il-funzjoni tista' tiġi faċilment attivata sussegwentement permezz ta' manipolazzjoni ta' l-apparat minn utilizzatur li m'għandux kompetenzi partikolari, mingħajr ma jkun hemm modifika materjali tal-kamkorder. Fil-każ ta' attivazzjoni sussegwenti, huwa wkoll neċessarju, minn naħa, li ladarba l-funzjoni tiġi attivata, il-kamkorder ikollu l-istess funzjoni bħal kamkorder li l-funzjoni tiegħu tar-reġistrazzjoni ta' l-immaġni u tal-ħsejjes provenjenti minn sorsi oħra minbarra l-kamera jew il-mikrofonu integrati tkun attiva fil-mument ta' l-iżdoganar u, min-naħa l-oħra, li jiffunzjona b'mod awtonomu. L-eżistenza ta' dawn il-kundizzjonijiet għandha tkun tista' tiġi vverifikata fil-mument ta' l-iżdoganar. Hija l-qorti nazjonali li għandha tevalwa jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati. Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, dan il-kamkorder għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 8525 40 91 ta' din in-Nomenklatura Magħquda.
- 2) In-noti ta' spjegazzjoni ta' l-imsemmija Nomenklatura Magħquda dwar is-subintestatura 8525 40 99, ippubblikati fis-6 ta' Lulju 2001 u fit-23 ta' Ottubru 2002, huma ta' natura interpretattiva u mhumiex legalment vinkolanti. Huma konformi mal-formulazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u ma jibdLux il-portata tagħha. Minn dan isegwi li l-adozzjoni ta' regolament ġdid ta' klassifikazzjoni ma kienx neċessarju.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-5 ta' Ġunju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

(Kawża C-395/07) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/48/KE — Osservanza tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu stabbilit)

(2008/C 183/08)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: W. Wils u H. Krämer, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentant: M. Lumma, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jaddotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/48/KE, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, p. 45 u — emenda — L 195, p. 16)

**Dispożittiv**

- 1) Billi naqset milli tadotta, fi-terminu stabbilit, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/48/KE, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset mill-obbligi tagħha skond din id-Direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbatl l-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 8.9.2007.

<sup>(1)</sup> ĠU C 247, 20.10.2007.